KUNSILL LOKALI – TA' SANNAT – LOCAL COUNCIL

*Labor Ante Omnia*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 28

19 ta' Lulju, 2021

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iddeċieda li din il-laqgħa ssir b'mod virtwali permezz tas-sistema online bil-Microsoft Teams® (skond Ċirkulari 03/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali) minħabba l-pandemija ta' Covid-19, fis-1.37 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Joseph Bajada – Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## Aġenda Nru. 28

28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 27 – 9;
28.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
28.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
28.5 Komunikazzjoni;
28.6 Rapport Finanzjarju Annwali 2020 (*audited*);
28.7 Ilmenti u Suġġerimenti;
28.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 7/2021;
28.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku qal li llum erġajna mhux qed niltaqgħu fiżikament minħabba r-raġunijiet li kullħadd jafhom dawk taċ-ċirkostanzi li għadna għaddejjin minnhom u madwar id-dinja b'din il-pandemija tal-COVID-19 u għalhekk din il-laqgħa qed issir b'mod virtwali permezz ta' sistema *online* ta' Microsoft Teams® skond Ċirkulari 03/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, dan qed isir peress li l-kamra tal-laqgħat hija ftit żgħira u ma jkunx hemm distanza adegwata għal kull membru u s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku kompla billi ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

28.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill, li l-Kunsillier Bajada ma setgħax jattendi din il-laqgħa minħabba raġunijiet personali.

## 28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 27 – 9

28.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 27 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn se jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 28.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

28.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-offerta għal pavimentar u rinnovar ta' Pjazza Santa Margerita il-bord kompost għadu għaddej bl-aġġudikazzjoni u l-evalwazzjoni. Dan il-bord diġa ltaqa aktar minn darba. Ma dan il-bord qed jattendi uffiċjal mill-Ministeru għal Għawdex biex josserva u jimmoniterja dan ix-xogħol minn naħa tal-bord. Is-Sindku qal li saret laqgħa apposta mall-entitajiet WSC, EneMalta, Go p.l.c., Melita Limited u Epic fejn intalbu d-drawings ta kull entita' biex il-Kunsill ikun jaf x'hemm mgħoddi taħt l-art. Is-Sindku qal li jridu jsiru trail holes minħabba s-servizzi. Hu qal li fuq suġġeriment tal-Perit irid jinfetaħ is-shelter ta' żmien il-gwerra u jrid isir survey tiegħu. Il-Kunsill qabel ma dan.

28.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li llum stess saret laqgħa mas-Superitendent tal-Pulizija fejn ġie diskuss Festa 2021 rigward talbiet mill-kazini u sidien ta' restoranti biex tingħalaq Pjazza Santa Margerita naħa tal-BOV sa Triq Dun Xand Aqulina minħabba periklu ta' tfal jiġru fil-Pjazza fil-ġranet tal-festa, dwar il-ħruq tan-nar li sar fil-festa tal-Munxar u dwar ingombru fit-toroq.

28.3.3 Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu komunikat mall-Malta Production Hub Limited dwar il-filming tas-serja televiżiva "[redacted]" fejn iddiskuta d-donazzjoni li ngħatat lill-Kunsill. Hu qal li mhux sodisfat b' din id-donazzjoni għaliex kien ta' inkonvenjent għar-residenti waqt li kien qed isir ix-xogħol tal-filming speċalment meta ingħalqet kompletament Pjazza Santa Margerita għal ġranet sħaħ.

28.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Ġardinar li għandna fil-Ġnien tal-Bidwi qed jgħamel xogħol tajjeb ħafna pero qed titla l-ispisa tat-tisqija f'dan il-ġnien peress li s-siġar qed jissaqqew kull ġimgħa b'din it-temperatura tas-sajf li qed titla' apparti dan talab li dan il-ġnien jeħtieġ il-ħart li fl-opinjoni tal-kunsill dan għandu jsir għal bidu ta' Settembru, qed jitlob ukoll biex jekk irid

il-Kunsill jaħseb għal aktar siġar tal-frott biex dawn jitħawlu fix-xahar ta' Diċembru.

28.3.5 Is-Sindku qal li għandu jsir stħarriġ dwar l-allokazzjoni tal-fondi tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jieħu parir dwar dan mingħand Accountant.

28.3.6 Is-Sindku qal li nhar is-Sibt 24 ta' Lulju 2021 is-Soċjeta Mużikali Santa Margerita lejlet il-festa ser ittella' Kunċert Mużikali Annwali mill-banda fi Pjazza Santa Margerita, fid-9.00 p.m. Dan ser isir dejjem skond il-prekawzjonijiet maħruġa mill-Awtorita' tas-saħħa pubblika. Għal dan il-għan is-soċjeta talbet l-għanjuna u l-kollaborazzjoni tal-Kunsill biex tipprovdi is-servizzi ta' Uffiċjali tas-Siġurta biex ikunu jistgħu jikkontrollaw u uffiċjali tat-Transport Pubbliku biex jiddevjaw it-traffiku mill-parti t'isfel ta' Triq Ta' Ċenċ, Triq Dun Xand Aquilina u Pjazza Santa Margerita. Il-Kunsill qabel li jikkolabora u jħallas għal dawn l-uffiċjali.

28.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċevejna imejl mingħand l-Għaqda Nar 20 ta' Lulju biex il-Kunsill jgħin fil-ħruq tan-nar li ser isir fil-jiem tal-festa peress li minħabba l-pandemija l-għaqda ma setgħetx tgħamel ġbir ta' fondi bieb bieb kif soltu kien isir. Il-Kunsill qabel li jikkolabora u jgħin finanzjament fl-ispejjes f'dan ir-rigward, il-Kunsill kompla jgħid li din hi parti mill-kultura tal-festi.

28.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċevejna ittra mingħand Sannat Lions F.C. fejn dawn infurmawna li fi ftit ġimgħat oħra ser jiftħu Physiotherapy Clinic li tikkonsisti ukoll f'rehabilitation Area fil-premises godda gewwa il-grawnd Ta' Sannat. Huma semmew numru ta' apparat differenti li huma neċessarji. Huma qalu li minn dan il-proġett il-komunita Ta' Sannat se tkun tista tuża dan is-servizz għalhekk qed titlob l-għajnuna tal-Kunsill.

28.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar il-Ħadd 4 ta' Lulju, 2021 fil-parti ta' fuq minn Triq Skerla mar cable tad-dawl u saret ħsara fil-cable għalhekk kellu jintmess l-wiċċ ta' triq. Din l-area tat-triq għandha tiġi resurfaced mill-ġdid bil-Kuntrattur tal-EneMalta.

28.3.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-applikazzjoni ta' tkomplija tal-Ġemellaġġ hu mpossibli li ssir f'dan f'dawn iż-żminijiet ta' pandemija. Hu qal ukoll li f'Montefiascone se jkun hemm dalwaqt l-elezzjoni għall-leġiżlatura ġdida. F'dan il-każ il-Kunsill għandu jara kif ser iġedded dan il-grant.

## 28.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

28.4.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk kellhomx xi mistoqsijiet, suġġerimenti jew proposti.

28.4.2 Il-Kunsillier Gauci qal li riċenti kellu laqgħa bħala ambaxxatur taż-żgħażagħ mall-President Emeritus Marie Louise Colero Preca dwar Mental First Aid Course biex jara jekk il-Kunsill jistax juri l-interess biex isir kors minn Budding Project Malta Trust Foundation. Is-Sindku qal li jkun pass għaqli li dan jitwettaq bħala Reġjun.

## 28.5 Komunikazzjoni

28.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill b'Ċirkularijiet u b'Direttivi mibgħuta mid-DLG dwar:

Ċirkulari Numru 4/2021 – Servizz tal-Internet għall-Live Streaming tal-Laqgħat. Il-Kunsill

qabel li għandu jżomm u jutilizza dan is-servizz minn mall-kumpanija Go p.l.c
Ċirkulari Numru 5A/2021 – Politika għall-Gvern Lokali 2021
Direttiva 2/2021 – Contracts (Community Works) Managers. Dwar din id-direttiva s-Sindku qal li għandu jitkellem dwar dan mar-Regjun Għawdex.

28.5.2 Direttiva 3/2021 – Per Diem Applikabbli għas-Sindki, Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

22 ta' Ġunju 2021 – Cir AKL 2021/060 – European Mobility Week 2021 – Competitions
23 ta' Ġunju 2021 – Cir AKL 2021/061 – Well being 360
23 ta' Ġunju 2021 – Cir AKL 2021/062 – Invitation – Online Stakeholder information session on the BELLUS Call for Projects
05 ta' Lulju 2021 – Cir AKL 2021/063 – Supporting individuals with disability – Mentor Aid Session 14/07/2021
02 ta' Lulju 2021 – Cir AKL 2021/064 – Important Update: RE: Notice: availability of the vaccine to asylum seekers and third country nationals
06 ta' Lulju 2021 – Cir AKL 2021/065 – European Mobility Week – Webinar 05.07.2021 – Presentation
07 ta' Lulju 2021 – Cir AKL 2021/066 – Information Sessions for Local Councils – SEM
09 ta' Lulju 2021 – Cir AKL 2021/067 – [CLGF] Online Seminar: Women in Local Government – Can Mentoring make a Difference – 28 July and 29 July
09 ta' Lulju 2021 – Cir AKL 2021/068 – AKL Summer BBQ 06/08/2021

28.5.3 13 ta' Lulju 2021 – Cir AKL 2021/069 – EMW – Small Activities Competition

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

21 ta' Ġunju 2021 – Iffilmjar – Parteċipazzjoni f'Festival Internazzjonali tal-Bizzilla ġewwa l-Kroazja – Settembru 2021
24 ta' Ġunju 2021 – Re Dress Code – Working Lunch mal-President tar-Repubblika ta' Malta, l-E.T. Dr George Vella, is-Sibt, 26 ta' Ġunju, 2021 ġewwa l-Kempinski, San Lawrenz
25 ta' Ġunju 2021 – Re Invit – Preżentazzjoni ta' Kotba – Libreriji fil-Lokalita' 2021 nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Lulju, 2021, fis-6.30p.m
6 ta' Lulju 2021 – Gentle Reminder – Invit – Preżentazzjoni ta' Kotba – Libreriji fil-Lokalita' 2021 nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Lulju, 2021, fis-6.30p.m

28.5.4 12 ta' Lulju 2021 – Re Għotja ta' Kotba – Libreriji fil-Lokalita' 2021

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mill-Planning Authority dwar applikazzjonijiet u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

16 ta' Ġunju 2021 – PA/02317/21 – GTD – To sanction property as built from what was approved in PA/4174/08, these include some minor changes internally and sanctioning of extension at the back of property. – Mr Carmel Rapa, No. 7, Penthouse, Sacred Heart, Triq il-Falkun, Sannat
16 ta' Ġunju 2021 – PA/02508/21 – To construct terrace house with underlying basement store – Mr Sammy Magro, Site at, Triq it-Tempju tal-Imramma, Sannat
16 ta' Ġunju 2021 – PA/04109/21 – To construct a terraced house consisting of a basement, two floors and a washroom and pool at roof level – Mr Nazzareno (sive Reno) Saliba, Ilma Gieri, Triq il-Kbira, Sannat
23 ta' Ġunju 2021 – PA/08230/19 – CORR – To partly demolish and to carry out alterations and additions to existing house, and to construct ground floor garage, 2 apartments and a

duplex unit. – Mr Loren Debono, Site at, Triq Għaxra t' Ottubru 1942 c/w, Triq Ta' Gerxija, Sannat

30 ta' Ġunju 2021 – PA/03622/21 – To sanction addition of a residential unit to blocks approved in PA2510/17 and minor alterations to approved facade, plans, sections and alignment – Karkanja Limited Attn: Euchar Vella, Il-Warda, Blocks H & I, Triq il- Paranji, Sannat – ***Proposal changed from original submission***

30 ta' Ġunju 2021 – PA/04530/21 – To construct 9 apartments and 2 penthouses with underlying garages. To use and connect access for garages that was approved in PA/03757/18. – Ms Diane Buttigieg, Site at, Triq Ta' Xagħman, Sannat

30 ta' Ġunju 2021 – PA/04536/21 – Execution of maintenance/restoration works on facades – Mr Joseph Mercieca, Palazzo Saguna, Triq il-Kbira c/w, Triq Ta' Saguna, Sannat

30 ta' Ġunju 2021 – PA/04497/21 – To carry out alterations and additions to terraced house approved in RG/02047/20. Alterations include changes to internal layout, extensions at the back and roof level and to add another floor. To also construct a pool. Mr Bradley Xuereb, Veintitres, Triq Ta' Dun Luqa, Sannat

30 ta' Ġunju 2021 – PA/06916/20 – GTD – Proposed basement garages; eighteen flats at ground, first and second floors (six on each floor) and four flats at receded floor level. – Mr Emanuel Farrugia, Site at, Triq Ta' Ċenċ c/w N/S off, Triq Ta' Ċenċ, Sannat

30 ta' Ġunju 2021 – PA/07074/20 – GTD – Additons and alterations to existing dwelling (work to include internal alterations and extension of terrace). To sanction works as built. – Mr Raphael Aloisio, 9 , Triq ta' Skerla, Sannat

30 ta' Ġunju 2021 – PA/07802/20 – GTD – To construct agricultural store and reservoir. – Mr Tarcisio Said, Raba fil-kuntrada fi, Triq tal-Gruwa, Sannat

30 ta' Ġunju 2021 – PA/03043/21 – GTD – To demolish existing building and construct garage for private cars at ground floor; three flats at first, second and third floors and setback floor at receded floor level. – Mr Abela Nathon, Krystal Court, Triq Santa Marija, Sannat

07 ta' Lulju 2021 – PA/04705/21 – Internal alterations and extension at back to split house into two apartmetns and add third apartment at 2nd floor level. – Mr Joseph Azzopardi, Pelican, Triq it-Tempju tal-Imramma, Sannat

07 ta' Lulju 2021 – PA/03590/21 – GTD – To retain existing apertures that have an opening on a right of way alley. – Mr Joseph Galea, 44, Triq Ta' Sannat, Sannat

07 ta' Lulju 2021 – PA/03690/21 – GTD – Biex jiggedded il-permess PA1261/16: "Biex jiggedded il-permess PA1895/08: Biex tinbena dar u garage". – Mr Emanuel Farrugia, Site at, Triq Ta' Ċenċ, Sannat

## 28.6

28.6.1

## Rapport Finanzjarju Annwali 2020 (*audited*);

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li r-Rapport Finanzjarju Annwali 2020 għadu mhux lest mill-Awditur.

## 28.7

28.7.1

## Ilmenti u Suġġerimenti

28.8.2 Il-Kunsill irċieva ilmenti rigward mera fi Triq tal-Gruwa li ġiet maqlugħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din ġiet installata mill-ġdid.

Il-Kunsill ircieva mingħand resident fejn talab li jsiru double yellow lines quddiem boathouse fi Mġarr ix-Xini dan peress li huwa jsibha diffiċli biex jidħol u joħroġ bid-dgħajsa. Huwa ssuġġerixxa ukoll li ssir manutenzzjoni lis-slipway peress li hemm ħofor li huma perikolużi. Is-

28.8.3 Segretarju Eżekuttiv informahom li rigward id-double yellow lines intbgħatet imejl lil Transport Malta u rigward il-ħofor intbagħtet talba lil MGOZ bis-sistema tal-Works Request System.

28.8.4 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward palm li qed imut fil-Playing Field li hemm fil-junction ta' Triq Sannat. Il-Kunsill qabel li dawn jekk mejtin għandhom jitneħħew mill-post għaliex ma hu qed jgħamlu xejn ħlief ikerrħu.

28.8.5 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand persuna fejn talbet li jingħata s-siment fir-rampa tal-għalqa li tinsab f'nofs it-triq ta' Mġarr ix-Xini eżatt fejn jibda s-siment tal-istess Triq. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba ntbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-Works Request System.

28.8.6

Il-Kunsill irċieva imejl mingħand persuna fejn issuġerixxa li mal-ġnub ta' Triq ix-Xewkija (taċ-ċimiterju Santa Margerita) jitħawlu siġar bħal tal-Prinjol jew taż-Żebbuġ jew oħrajn. Din l-imejl intbagħtet ukoll lill-Ministeru għal Għawdex.

28.8.7 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident fejn ilmenta, rigward mera li ġiet imwaħħla mal-faċċata tal-post tiegħu fi Triq Ta' Ċenċ mingħajr ma hu ġie mgħarraf. Huwa qed jitlob li din titneħħa minn mal-faċċata tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li diġa nforma lil min waħħala
28.8.8 biex din tinqala u teħel fuq pole.

Il-Kunsillier Bajada qed jissuġġerixxi biex jitwaħħlu tabelli ġodda fis-slipway fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill għandu jara dawn, filkaż jinbidlu.

28.8.9

Resident minn Triq il-Kbira talab biex quddiem garaxx mar-residenza tiegħu tiġi rranġata l-bankina biex ikun aċċessibli biex jidħol u joħroġ bil-vettura tiegħu. Il-Kunsill qabel li ssir talba
28.8.10 bis-sistema tal-MGOZ.

Is-Sindku ssuġġerixxa biex l-uffiċċju tal-Kunsill ikun jista jipprintja ċ-ċertifikati tal-vaċċin li residenti anzjani u dawk li jkollhom bżonn. Il-Kunsill qabel ma dan.

28.8

Il-Kunsillier Tewma ssuġġerrixa li jiġi nsallat dog bin fi Triq Ta' Bebunaq fejn il-iBins tal-bring
28.8.1 in site.

## Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 7/2021

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 7/2021 li kienet intbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Hu qal li dawn il-pagament għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Tewma u ssekondata mill-Kunsillier Gauci. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 28.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

28.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.00p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 9 ta' Awwissu 2021, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 9 ta' Awwissu, 2021

(iffirmata)

Philip Vella
Sindku

(iffirmata)

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv